**15 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Victor R. Sammut, B.A., LL.D.**

Caterina Farrugia et noe

*versus*

Alfred Delia noe et

**Ġudikat**

*Għall-eżistenza ta' ġudikat huma rikjesti tliet elementi:*

*(1) l-identità ta' l-oġġett tal-ġudizzju*

*(2) l-identità tal-fatt ġuridiku li minnu jitnissel id-dritt pretiż u*

*(3) l-identità tal-partijiet.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess li l-attriċi Caterina Farrugia hija waħda mis-sitt ulied ta' Salvatore Busuttil li miet f'Ġunju tal-1943; u premess li dana Salvatore Busuttil kellu in detenzjoni a titolu ta' lokazzjoni mingħand il-konvenut Alfred Delia neè l-għelieqi ta' Scalpell ossia taċ-Ċisk fil-limiti taż-Żejtun; u premess li wara

l-mewt ta' Salvatore Busuttil, is-sitt uliedu fosthom l-attriċi Caterina Farrugia baqgħu fid-detenzjoni a titolu tal-lokazzjoni ta' *'l fuq imsemmi raba, billi kull wieħed minnhom baqa' jik*koltiva l-porzjoni li messitu fid-diviżjoni li huma għamlu bejniethom tal-istess raba; u premess li l-konvenut Alfred Delia nomine f'Awissu tal-1956, ta' in lokazzjoni lill-konvenut Salvatore Cassar ir-raba kollu fuq imsemmi, u hekk ippretenda li jiżgombra mill-istess raba bis-sitt ulied ta' Salvatore Busuttil; fosthom l-attriċi Caterina Farrugia, mingħajr ma osserva d-dispost bir-regolament No. 3 tan-Notifikazzjoni No. 242 apparsa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Mejju, 1943; premessa d-dikjarazzjoni li *l-lokazzjoni fuq imsemmija magħ*mula mill-konvenut Alfred Delia nomine lill-konvenut Salvatore Cassar hija nulla u invalida għall-fini u effetti kollha tal-liġi — almenu fil-konfront tal-atturi — talbu li jiġi dikjarat illi l-lokazzjoni a titolu ta' detenzjoni tal-fuq imsemmi raba ta' Scalpell sive taċ-Ċisk għadha tgħajjat lill-attriċi Caterina Farrugia għas-sest tal-istess raba, u dana minn Awissu tal-1943 'il quddiem bl-ispejjeż.

*OMISSIS:*

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

Illi għall-eżistenza ta' ġudikat huma rikjesti tliet elementi: "eadem res", "eadem causa petendi" u "eadem personae".

Rigward ir-rekwiżit tal-"eadem res", ossia l-identità taloġġett tal-ġudizzju, il-"quid eptitur", il-Voet (Comm. Ad Pand. XLIV, ii, 3) jgħid li hemm l-"eadem res" "quando si domanda al secondo giudice ciò che fu domandato al primo". Dan il-prinċipju huwa ammess minn l-iskritturi kollha, li akkoljew l-insenjament ta' Ulpiano li jgħid: Et quidem ita definiri potest, totiens eadem rem agi, quotiens apud iudicem posteriorem id quaeritur quod apud priorem quaesitum est".

It-Tuozzi (Autorità della Cosa Giudicata para. 139 pag. 227) jgħid: "Il difficile sorge nei cosi prattiċi, perchè per domanda non bisogna intendere solo quella che fa l'attore, ma anche quella che eccepisce il convenuto". Hekk, per eżempju, jekk l-attur, jaġixxi biex jirrivendika legat li jippretendi li jistħoqqlu skond testment, u jitlef il-kawża fuq l-eċċezzjoni li t-testment huwa null, il-ġudikat jifforma ruħu unikament fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut tan-nullità tat-testment.

Għalhekk, ikompli jgħid it-Tuozzi, "sarebbe meglio per formulare la regola mettendo come termine di paragone il primo giudicato e non la prima domanda, e due che vi e la stessa cosa quando si domanda al giudice ciò che fu già giudicato" (228 ibid.).

Rigward it-tieni rekwiżit l-"eadem causa petendi" ossia il "cur petitur", ir-Ricci jiddefinixxi l-kawża bħala "il fatto giuridico che costituisce il fondamento del diritto che si reclama in giudizio" u t-Tuozzi (Op cit. p. 251) jiddefiniha aktar brevement bħala "il fatto giudirico del quale nasce il diritto reclamato".

It-tielet rekwisit tal-"eadem personae" jrid illi l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet, fl-istess kwalità, għaliex, kif jiddisponi l-Art. 235 Proċ. Ċiv. "'Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi tiegħu jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza".

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-eċċezzjoni illi jista' l-ġudikat għad-domanda attriċi hija ġustifikata.

Infatti, fil-kawża definita bis-sentenza ta' l-Onorabbili Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) fil-15 ta' Jannar 1957 id-domanda ta' Salvu Cassar kontra Caterina u Gerolamo miż-

żewġin Farrugia kienet formulata b'dan il-mod: "tgħidu l-għaliex m'għandkomx tkunu kundannati li fi żmien qasir u perentorju toħorġu u tiżgumbraw mill-għelieqi "ta' Scalpell" u rziezet tagħhom li qegħdin fil-limiti taż-Żejtun, peress illi qegħdin tokkupaw l-istess mingħajr titolu stante li l-għelieqi sullokati lilkom minn Gianni Busuttil ma għadhomx iktar im-qabbla għandu u jinsabu mqabbla għand l-attur" et fol. 21 tal-proċess relativ l-Avukat tal-konvenuti (il-lum atturi fil-kawża preżenti) kien eċċepixxa, fost affarijiet oħra, illi l-lokazzjoni ma *Sciclunas Estates favur l-attur ma setgħatx issir għax kien* messha tkompliet mat-tfal u eredi ta' Salvatore Busuttil, li kienet ġiet magħmula favur tiegħu *preċedentement* il-lokaz-zjoni. Il-konvenuta Caterina Farrugia hi t-tifla ta' Salvatore Busuttil". Kien eċċepixxa wkoll (fol. 21 ta' dak il-proċess) illi Sciclunas Estates ma setgħux jikru lil Cassar jekk qabel ma jxoljiex il-lokazzjoni ma Salvu Busuttil.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, biex iddeċidiet il-kawża, ħadet *konjizzjoni* tal-imsemmija eċċezzjonijiet, li jiffurmaw sostanzjalment il-bażi tal-kawża odjerna, u ċaħdet l-istess eċ-ċezzjonijiet. Dawn ġew miċħuda l-ewwel waħda fuq il-motiv illi l-lokazzjoni lil Giovanni Busuttil ġiet magħmula valida-ment u li l-konvenuti f'dik il-kawża akwietaw ruħhom bil-fatt li aċċettaw li jkunu s-subkondutturi ta' Giovanni Busuttil, l-oħra għaliex, attesa l-validità tal-lokazzjoni magħmula favur Giovanni Busuttil din kienet l-unika *lokazzjoni li kienet tirrig-*warda lil Sciclunas Estates meta dawn krew lill-attur f'dik il-kawża, u setgħu jikru lilu għaliex Giovanni Busuttil ma riedx iżommu l-għelieqi aktar.

It-talba tal-lum *hija diretta għall-otteniment ta' dikjaraz-*zjoni ġudizzjarja illi l-lokazzjoni minn Sciclunas Estates lil Salvu Cassar ma *hijiex valida għaliex l-atturi għadhom inkwi-*lini bħala wħud mill-eredi u suċċessuri ta' Salvatore Busuttil, punt ġia *riżolut* bil-konjizzjoni li ħadet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' eċċezzjoni appożita.

Huwa inutili illi l-attur jinvoka n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 242 tat-18 ta' Mejju 1943 għaliex il-kwistjoni għandhiex tiġi applikata din in-Notifikazzjoni hija involuta u assorbita f'dik ġia deċiża u ċioè jekk hemmx lokazzjoni favur l-atturi.

Rigward il-punt sollevat mill-Avukat tal-atturi dwar l-"eadem res", fin-nota fol. 14, ċioè illi l-attriċi Caterina Farrugia kellha żewġ porzjonijiet ta' l-għalqa u mhux waħda biss, jiġi osservat illi s-*sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri)* tal-15 ta' Jannar 1957 li kkonfermat dik tas-16 ta' Ottubru 1956 ovvjament tirrigwarda iżjed minn porzjoni waħda, għaliex it-talba fil-kawża kienet għal l-iżgumbrament "mill-għelieqi" u mhux minn għalqa waħda biss "ta' Scalpell".

Tant il-"quid petitur" kemm il-"cur petitur" għalhekk jifformaw il-meritu tal-konjizzjoni ġuridika preċedenti konkluża b'sentenza.

Dwar l-element tal-"eadem personae" l-fatt li fil-kawża tal-lum ġie ċitat anki l-konvenut Alfred Delia nomine ma jneħħiex illi hemm ġudikat.

Kieku kellu jiġi segwiet raġjonament divers, fil-fehma *ta'* din il-Qorti, kien ikun wisq faċli illi wieħed jevita l-effetti ta' ġudikat bis-sempliċi espedjent illi huwa jirriproponi kawża ġia deċiża billi jżid konvenut ieħor. Del resto l-interess tal-konvenut Delia *nomine* f'din il-kawża huwa l-istess interess tal-konvenut Salvatore Cassar.

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat li ġiet *opposta* mill-konvenuti u tiddikjara li għad-domanda tal-atturi huwa ta' ostakolu l-ġudikat tas-sentenza fuq imsemmija mogħtija

mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 1957, u għalhekk ma tieħux konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra u konsegwentement tiċħad it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.